MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 38/2012/1

**Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara)**

***v.***

**Renald Baldacchino**

1. Dan huwa appell ta’ Renald Baldacchino [“l-imputat”] minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fit-30 ta’ Ġunju 2014 fuq referenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli b’reati dwar droga. Waqt is-smigħ tal-kawża, fit-22 ta’ Frar 2012, sar dan il-verbal mill-avukat tal-imputat:

> “... ... ... fil-mori ta’ dawn il-proċeduri ġiet preżentata stqarrija ta’ Angelo Cassar li ttieħdet fil-25 ta’ Frar 2004 mingħajr assistenza ta’ avukat. Illi ġiet preżentata wkoll stqarrija ġuramentata tal-istess Angelo Cassar, liema stqarrija ġuramentata wkoll ittieħdet fi stadju qabel ma l-istess Cassar kellu l-assistenza ta’ parir legali. Illi dawn iż-żewġ dokumenti li qegħdin ippreżentati fil-*procès-verbal* numru 370 ġew preżentati bħala prova fil-proċess kontra Renald Baldacchino, u ġew użati wkoll bħala mezz ta’ kontroll tal-istess Cassar meta xehed quddiem din l-onorabbli qormi. Illi l-istadju meta ttieħdu l-istqarrija kif ukoll ix-xiehda ġuramentata ta’ Cassar li qed jintużaw bħala prova fil-konfront tal-akkuża, l-akkużat ma kienx rappreżentat mill-avukat tiegħu.
>
> “Illi in vista tal-kunċett ta’ *fair hearing* li jinkludi fih l-*equality of arms*; in vista tas-sentenzi tal-Qorti Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tas-sentenza tal-Prim’Awla Sede Kostituzzjonali preseduta mill-Imħallef Anthony Ellul, ... ... ... meta jittieħdu stqarrija kemm dawk ġuramentati kif ukoll dawk li mhumiex mingħajr l-assistenza tal-avukat dawn ma għandhomx valur probatorju. Huwa minnu li s’issa dawn is-sentenzi ppronunzjaw ruħhom għal valur probatorju tagħhom fil-konfront ta’ min għamilhom. Però d-difiża tħoss li b’analoġija dan għandu jiġi estiż kemm meta jintużaw bħala mezz ta’ kontroll għal min għamilhom (kif intużaw f’dan il-każ) kif ukoll meta ntużaw bħala prova fil-konfront ta’ min ma kienx lanqas rappreżentat legalment f’dak l-istadju, kif ukoll ġara f’dan il-każ. Illi *di più* f’dan il-każ meta xehed Angelo Cassar bil-ġurament inniga l-veraċità tal-kontenut tal-istqarrija tiegħu meħuda fil-25 ta’ Frar 2004.
>
> “Għaldaqstant id-difiża ta’ Renald Baldacchino titlob referenza kostituzzjonali abbażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll tal-artikoli 5(3) u 6(1) tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem.”

3. Fis-16 ta’ Mejju 2012 il-Qorti tal-Maġistrati iddeċidiet hekk dwar it-talba tal-imputat:

> “Hi tal-fehma illi t-talba tal-imputat għad-dikjarazzjoni li kienu leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu meta x-xhud prinċipali ma kienx assistit minn avukat waqt li kien detenut mill-pulizija eżekuttiva u lanqas meta ġġuramenta l-istess quddiem il-qorti mhix frivoli u vessatorja.
>
> “Għaldaqstant il-qorti qed tirreferi l-kaz lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din tagħti ġudizzju dwar il-każ.”

4. L-atti għalhekk intbagħtu quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili li bis-sentenza appellata wieġbet hekk:

> “... ... ... tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Renald Baldacchino ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-art. 5(3) u tal-art. 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma’ u tiddeċiedi skond il-liġi l-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) *v.* Renald Baldacchino. Tordna li l-ispejjeż kollha ta’ dan il-proċediment jitħallsu kollha minn Renald Baldacchino.”

5. Il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> “Renald Baldacchino talab ir-referenza b’ilment ta’ ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni, tal-art. 5(3) tal-Konvenzjoni u tal-art. 6(1) tal-Konvenzjoni.
>
> “Baldacchino qiegħed jinvoka ksur ta’ dawn it-tuteli għad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq abbażi tal-fatt illi skond Baldacchino, meta ttieħdet l-istqarrija u x-xiehda ġuramentata ta’ Angelo Cassar, billi Cassar ma kienx assistit minn avukat saret leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, bil-konsegwenza li dik l-istqarrija u dik ix-xiehda – għax leżivi għal dak id-dritt – ma jistgħux jintużaw bħala prova lanqas fil-konfront tiegħu, li huwa terz fi kwalunkwe proċediment li fih kien involut Cassar.
>
> “Fil-każ tal-lum, min għamel l-istqarrija, u *cioè* Angelo Cassar, ma ressaq l-ebda ilment ta’ ksur ta’ smigħ xieraq. Fil-każ tal-lum, il-kwistjoni hija jekk dik l-istqarrija hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra terz u *cioè* Baldacchino.
>
> “Dan t-tip ta’ ilment dwar stqarrija ta’ xhud diġà kien trattat fil-kawża nru 57/2011 fl-ismijiet Mario Borg *v* Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta’ Jannar 2013.

"F'dik il-kawża, ir-rikorrent kien ilmenta dwar stqarrija li kien ta hu lill-pulizija. Ilmenta wkoll dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu wkoll ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil-konfront tiegħu.

"Fis-sentenza tagħha l-Qorti Kostituzzjonali qablet mal-ewwel qorti illi dan l-aħħar ilment m'għandux jiġi milqugħ għalkemm għal raġunijiet differenti. Il-qorti qalet hekk:-

> ""Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, 'F'każ ta' stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni' – għax jista' jkun illi min jagħmel l-istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l-istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbużż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli."

"Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet dan l-istess ragunament fil-kawża rikors numru 66/2011 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* Patrick Spiteri</u>' deċiża fil-25 ta' Jannar 2013. Qalet hekk:-

> ""Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b'reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b'xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f'kull każ jinstab mhux ħati u illi l-*equality of arms* tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.
>
> "Ġà rajna, waqt it-trattazzjoni tal-appell tal-pulizija u tal-Avukat Ġenerali, illi l-fatt waħdu illi ssir stqarrija meta min jagħmilha ma jkollux l-għajnuna ta' avukat ma huwiex *ipso facto* bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.
>
> "Aktar min hekk, ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.
>
> "Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll."

"Il-kawżi l-oħra li kienu ċitati fil-kors ta' dan il-proċediment jirreferu għal meta l-akkużat ikun ta stqarrija mingħajr assistenza legali – punt li llum ġie determinat minn dawn il-qrati b'deċiżjonijiet wara dawk ċitati fosthom <u>Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali</u>, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012.

"Fil-każ tal-lum meta Angelo Cassar wasal biex jixhed fil-proċeduri kontra Renald Baldacchino huwa xehed li ma kienx qed jaqbel mal-

> istqarrija li kien għamel u li dak iż-żmien huwa kien imbeżżaʼ u għalhekk kien għamel dik l-istqarrija. Iżda għalkemm Cassar xehed hekk, jirriżulta li meta kien hemm il-proċeduri kriminali kontra tiegħu ammetta l-akkużi u ma appellax mis-sentenza li ngħata. U fl-ebda mument ma jirriżulta li qal li kien imbeżżaʼ anke meta ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu.
>
> "Il-qorti tgħid illi fl-ambitu tal-proċeduri kriminali istitwiti kontra tiegħu Renald Baldacchino għandu intatti l-jeddijiet kollha fl-ambitu tal-jedd għal smigħ xieraq inkluż l-*equality of arms* għax mhuwiex prekluż milli jagħmel l-kontro-eżamijiet neċessarji lix-xhieda tal-prosekuzzjoni biex b'hekk isostnu bl-aħjar mod id-difiża tiegħu."

6. L-imputat appella minn din id-deċiżjoni b'rikors tat-8 taʼ Lulju 2014 li għalih wieġbu l-Avukat Ġenerali u l-pulizija fil-21 taʼ Lulju 2014.

7. L-imputat iressaq aggravju preliminari li fih josserva illi l-ewwel qorti tirreferi għad-deċiżjoni tagħha bħala "provvediment" waqt illi l-liġi, fir-reg. 4(3) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni [L.S. 12.09] trid illi tingħata "deċiżjoni". Għalhekk, igħid l-imputat, "is-sentenza appellata hija affetta min-nullità għaliex kellha tingħata permezz taʼ deċiżjoni u mhux fil-forma taʼ provvediment".

8. Dan l-aggravju huwa fieragħ għall-aħħar u juri nuqqas kbir taʼ serjetà f'min ressqu. "Provvediment" huwa terminu ġeneriku illi jirreferi għall-att – jistaʼ jkun sentenza jew dikriet jew deċiżjoni – li bih il-qorti "tipprovdi" dwar talba jew tagħti ordni. Meta qorti tipprovdi dwar talba billi tilqagħha jew tiċħadha tkun qiegħda b'hekk tagħti "provvediment". Din is-sentenza tallum ukoll hija provvediment daqskemm hija wkoll provvediment is-sentenza jew deċiżjoni appellata.

9. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

10. Fl-ewwel aggravju fuq il-meritu l-imputat essenzjalment igħid illi l-ewwel qorti ma qisitx il-fatt illi meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-proċeduri kontra l-imputat, Angelo Cassar qal bil-ġurament illi dak li qal fl-istqarrija tiegħu dwar l-imputat ma kienx minnu u li kien imġiegħel igħid dak li qal.

11. Dan, fil-fehma tal-qorti, jista' jolqot il-kredibilità tax-xhud Cassar u l-veradiċita` tal-istqarrija tiegħu iżda mhux il-legalita` tal-istess stqarrija. Huwa mħolli għad-deċiżjoni ta' min irid jiġġudika dwar il-ħtija illi jara jemminx l-ewwel verżjoni jew it-tieni waħda jew ebda waħda. Jekk jitwemmen dak li qiegħed igħid Cassar issa – illi l-istqarrija għamilha għax beża' – dik l-istqarrija tista' ma titwemminx, u l-imputat sejjer ikollu okkażjoni ampja biex jikkontro-eżamina lil Cassar u hekk toħroġ il-verità.

12. Imbagħad, ma hemmx għalfejn ngħattu x-xemx bl-għarbiel għax ħafna jistgħu jkunu r-raġunijiet li jġiegħlu xhud jibdel il-verżjoni tiegħu wara li jkun għadda żmien; u jista' jkun illi kienet l-ewwel verżjoni li ngħatat minħabba biża', u jista' jkun ukoll illi kienet it-tieni verżjoni li ngħatat minħabba biża'. Ma huwiex irrelevanti l-fatt illi Cassar ma rritrattax l-istqarrija tiegħu meta kellu interess dirett li jagħmel hekk, biex jevita kundanna hu u mhux biex jevitaha għal ħaddieħor.

13. Dan il-ġudizzju iżda huwa mħolli għal min irid jiddeċiedi dwar il-ħtija fil-proċess penali.

14. Il-fatt jibqa' illi fil-proċess kontra tiegħu Cassar ma deherlux li kellu jagħmel allegazzjoni li l-istqarrija tteħditlu abużivament; anzi, tennieha u wettaqha bil-ġurament quddiem maġistrat. Kif ġà kellha okkażjoni tosserva din il-qorti[1], il-preżenza ta' maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju indipendenti mill-pulizija, hija garanzija biżżejjed illi l-istqarrija tingħata b'għażla ħielsa, volontarjament, u ma tiġix imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

15. L-imputat iżda jkompli jgħid illi l-fatt illi, fil-proċeduri kontra tiegħu stess, Cassar ammetta l-ħtija tiegħu u effettivament ikkonferma l-istqarrija ma għandu ebda relevanza għax "l-ammissjoni u l-eventwali sentenza mogħtija kontra Angelo Cassar bażata fuq l-istess ammissjoni ma kinitx tirrigwarda l-involviment ta' [l-imputat Baldacchino] iżda kienet tirrigwarda lill-istess Angelo Cassar".

16. Il-fatt illi l-ammissjoni ta' Cassar fil-proċeduri kontra tiegħu "ma kinitx tirrigwarda l-involviment ta' [l-imputat Baldacchino] iżda kienet tirrigwarda lill-istess Angelo Cassar" ma huwiex relevanti, għax dak li trid tqis il-qorti hija l-legalità tal-istqarrija mhux il-legalità tal-ammissjoni. L-ammissjoni sservi biss biex tikkonferma illi Cassar ma lmenta minn

[1] Ara *e.g.* Pulizija *v.* Amanda Agius (rik. 68/2009), Kost. 22 ta' Frar 2013; Pulizija *v.* Tyrone Fenech (rik. 69/2011), Kost. 22 ta' Frar 2013.

ebda irregolarità meta tteħditlu l-istaqrrija u għalhekk ħalla li l-istqarrija tiegħu sservi ta' prova fil-proċess kontrieh.

17. L-imputat igħid ukoll illi l-fatt illi Cassar ma lmentax minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ma jfisser xejn għax is-sentenza kontrieh ingħatat fl-10 ta' Jannar 2005, qabel ma ġie stabilit il-prinċipju – fis-sentenza mogħtija fl-2008 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Salduz *v.* it-Turkija[2] – illi t-teħid ta' stqarrija meta dak li jagħmilha ma jkollux l-għajnuna ta' avukat tista' tkun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

18. Din il-qorti kellha okkażjoni tosserva[3] illi l-fatt illi persuna li tagħmel stqarrija ma tfittixx, għalkemm ikollha aċċess ampju għal qorti, illi twaqqa' dik l-istqarrija għax itteħditilha abużivament għandu jfisser illi dik l-istqarrija ttieħdet b'mod leġittimu. Tassew illi dawk is-sentenzi ngħataw wara dik ta' Salduz iżda l-prinċipju illi stqarrija meħuda abużivament ma tiswiex bħala prova ma nħoloqx bis-sentenza ta' Salduz. Meta ngħatat is-sentenza kontra Cassar ġà kien fis-seħħ l-art. 659 tal-Kodiċi Kriminali:

> "**658.** Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."

---

2 Q.E.D.B. 27 ta' Novembru 2008, rikors 36391/02.

3 Ara *e.g.* Mario Borg *v.* Kummissarju tal-Pulizija *et* (rik. 57/2011), Kost. 25 ta' Jannar; Pulizija *v.* Patrick Spiteri (rik. 66/2011), Kost. 25 ta' Jannar 2013.

19. L-ewwel aggravju fil-meritu huwa għalhekk miċħud.

20. It-tieni aggravju fil-meritu huwa essenzjalment ripetizzjoni, b'argumenti ġodda, tal-ewwel wieħed, *i.e.* illi l-istqarrija ta' Cassar ittieħdet bi ksur tal-jedd ta' Cassar għal smigħ xieraq. L-argument huwa illi bejn meta tittieħed l-istqarrija u meta tiġi mwettqa bil-ġurament quddiem maġistrat ma hemmx intervall ta' żmien "u x-xhud jiġi rinfaċċat bl-istess stqarrija u mhux jingħata opportunità li jixhed mill-ġdid". Għalhekk, ikompli jgħid l-imputat, "ma hemmx sistema ta' kontroll" u l-fatt illi f'dak il-waqt "il-persuni li jiġu implikati fl-istess stqarrija" ma jkunux rappreżentati u "ma jkollhom ebda kontroll fuq tali evidenza" għax "il-prosekuzzjoni biss tkun rappreżentata" ifisser illi ma jkunx hemm *equality of arms*".

21. Kif ġà ġie osservat fuq[4], il-fatt illi l-istqarrija tiġi mwettqa bil-ġurament quddiem maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju imparzjali u indipendenti, hija garanzija biżżejjed ta' kontroll u legalità, u, kontra dak li jgħid l-imputat, il-fatt illi għandu dritt ampju ta' kontro-eżemi jagħtih ukoll *equality of arms* mal-prosekuzzjoni. Dan qalitu wkoll il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Camilleri *v.* Malta[5]:

> "The Court further recalls that all evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. However, the use in evidence of statements obtained at the stage of the police inquiry and the judicial investigation is not in itself inconsistent with paragraphs 3 (d) and 1 of Article 6 of the Convention, provided that the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a

[4] Para. 14, *supra*.

[5] Q.E.D.B. 16 ta' Marzu 2000 (rik. 51760/1999).

> witness against him or her either when that witness is making a statement or at a later stage of the proceedings."

22. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

23. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata. Tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex jitkomplew il-proċeduri quddiemha.

24. L-ispejjeż tal-appell iħallashom l-intimat Baldacchino.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------